# IL-POPOLARITÀ TAL-MARĊI FIL-FESTI

*Jikteb Charles Clews*

Ħaġa li jafha kulħadd hi, li wieħed mill-fatturi li jagħmel il-festi Maltin popolari huma l-marċi tal-baned. Il-marċ minnu nnifsu iqajmek, jallegrak, iferrħek. Nistgħu ngħidu li l-marċi tal-baned Maltin, għandhom ċerta daqqa, atmosfera lokali.

Naturalment għandek anke l-ideat tad-dilettanti tal-festi, tal-marċi, li jogħġbuhom iżjed il-marċi ta' Titu minn ta' Sempronju. L-istil ta' dak jogħġob iżjed minn ta' l-ieħor. U hekk kif imut Re jitla' Re ieħor (The King is dead, long live the King, jgħidu l-Ingliżi), hekk hu u għaddej iż-żmien ninsew il-marċi ta' l-imgħoddi u nammiraw il-marċi ta' kompożituri preżenti. Iżda ma ninsewx ta' qabilna.

Tibża' li tħalli lil xi ħadda barra meta tibda ssemmi, iżda naf li ismijiet bħal ta' Vincenzo Ciappara, li għadhom jindaqqu l-marċi tiegħu, il-Maġġur Anthony Aquilina, u Manuel Bugeja, Joseph Abela Scolaro, Hector Dalli, u għaliex le, Botti, Taljan, u bħal Andrew Coleiro, Ray Sciberras, Archibald Mizzi, Orazio Cachia, J.J. Pace, Ronnie Pisani, Mario Azzopardi u oħrajn li l-vojt tagħhom jimlieh min qed jaqra.

Il-marċi, fil-bidu, kienu assoċjati mal-militar: jekk wieħed josserva, marċ ifisser il-kompożizzjoni mużikali nnifisha, il-kitba, il-mużika, u marċ ifisser mixja mgħaġġla mal-mużika marzjali. Insibu għalhekk, *Protest March*, *Silent March*, *March Past*, li uħud minnhom lanqas tidħol fihom il-banda u l-famuż *Marchin' Out*, li Bormla għamlet popolari fil-bidu ta' dan is-Seklu.

L-ewwel tip ta' baned militari beda jidher fis-Seklu 17. L-aktar bikrin kienu matul ir-



*Il-Marċ tas-1.00pm fi Triq il-Ġdida.*



*Il-Marċ tas-1.00pm nhar il-Festa tal-Kunċizzjoni.*

renju ta' żewġ rejiet Ewropej, Lwiġi XIV ta' Franza (1638-1715) li għalkemm kien despotiku u jħobb il-gwerer, kien iħobb ukoll il-letteratura u l-mużika, u Federiku l-Kbir tal-Prussja (1712-1786).

Iżda lejn tmiem is-Seklu 17, ir-renjanti tal-Gran Britannja kif ukoll pajjiżi oħra Ewropej, bdew jgħinu finanzjarjament baned militari. U kulħadd beda jintebaħ li barra milli dawn il-baned kienu jimmarċjaw quddiem ir-reġimenti u jgħinu jżommu l-pass u jżidu fis-*smartness*, dawn kienu jqanqlu spirtu patrijottiku kemm fost is-suldati u kemm fost il-popolazzjoni.

F'nofs is-Seklu 18, baned militari Ewropej bdew jagħtu wkoll kunċerti għall-popolazzjoni ċivili. Il-baned militari Ingliżi bdew iservu bħala bażi għall-baned li bdew jiġu organizzati fl-Istati Uniti. Illum kull fergħa tal-Forzi Armati Amerikani għandha banda li ddoqq kemm f'funzjonijiet militari u kemm ċivili. L-aktar magħrufa fost dawn hija l-*Marine Corps Band*, li mhux darba u tnejn rajniha f'*films* Amerikani.

Il-maġġoranza ta' dawn il-baned ikollhom 60 bandist. Jidhrilna li baned oħra militari, bħat-Taljani u l-Ingliżi, ikollhom inqas membri fihom. Fl-Ingilterra u l-Amerika, u anke daż-żmien f'pajjiżi oħrajn Ewropej, jeżistu l-*Marching Bands*, li allura ma jkunux baned militari. Dawn ikunu jixbħuhom, iżda l-mużiċisti fil-*marching bands*, jilbsu uniformijiet iżjed kuluriti, u t-*tempo* tal-marċi jkun iżjed mgħaġġel u mqanqal. Dawn ikollhom ukoll id-*drum major* u *baton twirlers* - idawru bsaten b'ċerta ħila u ħeffa, kif naraw mill-*majorettes*, u minn xi baned f'xi parata ta' l-Irlandiżi f'jum San Patrizju, fl-Istati Uniti. Dawk huma eżempji ta' baned imarċaw li ma humiex militari. Narawhom ukoll f'xi okkażjonijiet ta' kulleġġi u universitajiet u waqt il-partiti tal-*baseball*, li ħafna jgħidu li huma aktar importanti mil-logħba nnifisha.

Hawnhekk naraw ċerta kapaċità meta tara banda ta' minn 72 sa saħansitra 92 membru jiffurmaw xi disinn, emblema, jew ittri.

U hawnhekk ngħidu li meta nsemmu marċi militari, wieħed ma jistax jinsa jsemmi surmast ċelebri, u dan hu John Philip Sousa, (1854-1932) li uħud mill-marċi militari tiegħu, jekk mhux kollha, huma mmortali.

Franz Lehar, il-kompożitur ta' tant mużika sabiħa ta' operetti, Ungeriż, kien beda l-karriera bħala surmast ta' banda militari fl-armata Awstro-Ungeriża fil-bidu tas-seklu, li jgħidu wkoll li għandu marċi ħelwin li mbagħad kien inkludihom - forsi b'xi varjazzjoni, fl-operetti tiegħu.

Jiena darba kelli l-okkażjoni li ndoqq xi marċi ta' diversi pajjiżi fuq ir-radio, u kont stagħġibt b'*long playing disc* li kien fiha marċi minn diversi pajjiżi, bil-ġmiel ta' marċi militari mhux biss Ingliżi, iżda anke Ġermaniżi, Franċiżi, u Torok kif ukoll minn pajjiżi Sudamerikani.

Iżda, nibqa' ngħid, kif ġieli qalulu Ingliżi li jkunu jisimgħu xi marċi minn banda lokali, u bla misthija jixxenglu mat-temp tal-mużika, li l-marċ lokali għandu stil tiegħu, atmosfera tiegħu, id-daqqa - kif ngħidu, lokali.

Bħala anzjan, jiena nirrepeti dak li għidt drabi oħra: nixtieq, u naf li hawn anzjani bħali, li l-baned lokali jagħmluha drawwa li mal-lista ta' marċi ġodda li joħorġu kull sena, jinkludu ta' l-anqas tnejn jew tlieta, ejja ngħidu, ta' ħamsa u għoxrin sena qabel. U għaliex le, anke ta' aktar. Nafu li bosta marċi, anke antiki, kienu mhux biss popolari, iżda anke tal-widna, u malajr jittieħdu, u fl-istess ħin inisslu ċerta nostalġija fina: iġibulna quddiem għajnejna dak iż-żmien li kienu ndaqqu, meta kont namrat, meta kont għarus, meta żżewwiġt, meta kelli tarbija... avveniment, li jkun assoċjat ma' dak il-marċ. Mhix ħaġa diffiċli nqallbu fl-arkivji.

U naslu biex nagħlqu dan l-artikolett, u ma nistgħux ma nsemmux, li ċerti marċi, speċjalment ta' nhar il-festa filgħodu, qegħdin jiġġeneraw għal farsi, għal kummiedji, imwarrbin għal kollox mill-idea tal-venerazzjoni tal-qaddis jew qaddisa. Quddiemi, f'ġurnal, għandi ittra li tiddeplora dan l-aġir. Insemmi biss ir-ras, it-titlu ta' l-ittra: JOFFENDU S-SENTIMENT RELIĠJUŻ. U dawk it-tliet kelmiet jiġbru l-idea kollha, minn ċelebrazzjoni reliġjuża ssir pagana.

Li għax inti mal-marċ, tiġi sidrek barra, li għax qiegħed mal-banda tiżbogħ wiċċek bi tlieta jew erba' kuluri, imitazzjoni banali ta' dak li rajna matul it-Tazza tad-Dinja fi Franza f'Ġunju-Lulju, ma turix li inti partitarju denju tal-banda li tinsab magħha. Li xxejjer bandiera, li terfa' kullana bżieżaq, pjaċir tagħti, iżda iżjed le. Żid ma' din il-bluha, ix-xorb alkoliku bla rażan: wara li jgħaddi marċ minn dan li semmejna, mhux karti u sunetti biss tara, iżda bottijiet vojta tal-birra. Dik il-moda. Sewwa hekk?

Nirringrazzjaw lil Alla u lil Sidtna Marija, li dawn l-affarijiet ma tantx naraw bħalhom in-naħa tagħna. J'Alla nibqgħu hekk!

Minn qalbi nixtieq lil kulħadd il-festa t-tajba, u ngawduha kif nafu ngawduha.

Paul Caraboll

Jewellers

233 Żabbar Road, Fgura • Tel: 809225